**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 28 ta' Jannar, 2000**

**Rikors Numru: 7/96B**

**Joseph Aquilina**

**vs**

**Pietru Pawl Mifsud**

Il-Bord,

Ra ir-rikors in ezami li permezz tieghu ir-rikorrenti wara li ippremetta illi huwa jikri lill-intimat porzjoni diviza mill-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Palazz tal-Gwarena", limiti Qrendi ta' cirka tomna (1T) u dan versu l-qbiela ta' lira Maltija (Lm1) fis-sena, jithallas kull Santa Marija bl-lura, l-ahhar skadenza ghalqet fil-15 ta' Awissu 1995;

Illi l-porzjoni diviza mill-imsemmija ghalqa mhiex fonti importanti ghall-ghixien tal-intimat u l-intimat ma jsofri l-ebda hardship jekk din il-porzjoni tigi ripossessata mir-rikorrenti;

Illi inoltre l-esponenti ghandu htiega ta' din il-porzjoni diviza ghall-uzu tieghu personali u dik tal-familja tieghu;

Talab sabiex dan il-Bord joghgbu jawtorizzah jirriprendi pussess tal-porzjoni diviza tal-ghalqa surreferita u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgbu jiffissa ghal dan l-iskop salv id-dritt ta' kumpens ghall-benefikati li talvolta jkun dovut lill-intimat. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimat (a fol 5 tal-process) li permezz taghha espona bir-rispett 1) illi it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-ghalqa 'de quo' hija

essenzjalissima ghall-ghixien tal-intimat, u altru jsofri 'hardship' f'kaz li tigi ripossessata mir-rikorrenti, u inoltre, il-bzonn taghha huwa hafna akbar ghall-intimat minn dak tar-rikorrent.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrent.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Semghet mill-partijiet.

Ikkunsidra;

Illi kif jidher mill-atti il-provi kollha gew permezz tal-procedura ta' "affidavit" kemm minn naha tar-rikorrenti kemm da parti tal-intimat.

Ikkunsidra;

Illi r-rikorrenti (a fol 8, 19 u 29 tal-process) xehed li l-ghalqa in kwistjoni tappartjeni lilu permezz ta' wirt u hi mikrija lill-intimat versu il-qbiela ta' Lm1 fis-sena, li hu jiddetjeni bhala raba iehor, hames sighan soggett ghal kawza fil-Qorti, li hu pensjonant b'pensjoni. ta' Lm242 fix-xahar oltre Lm700 fis-sena bhala dhul minn imghax, li hu mizzewweg b'tifla impjegata ma' Bank. In rigward l-intimat, ir-rikorrenti xehed li dan hu impjegat bhala kustodju mal-Gvern ta' Malta oltre li jaghmel xoghol "part time" bhala bajjad. Skond ir-rikorrenti l-intimat ghandu raba iehor kif deskritt fl-affidavit tal-istess rikorrent liema raba pero' hu uzat ghall-iskop ta' nsib u kacca mir-ragel ta' bintu. In rigward l-istess intimat hu asserixxa li dan kellu dhul iehor minn depozitu fil-banek. In rigward il-htiega sabiex jiehu lura ir-raba in kwisjtoni, din kienet tikkonsisti fit-tkabbir tal-prodotti imsemmija fl-istess "affidavit" kemm ghalih kemm ghall-familja tieghu.

Ikkunsidra;

Illi r-rikorrenti issottometta xhieda ulterjuri permezz ta' zewg affidavits. Fl-ewwel wiehed, hu asserixxa li meta matul l-1994, kienet saret pjanta tal-ghalqa in kwistjoni mill-"Quantity Surveyor" Mario Attard Trevisan, fl-istess ghalqa

kien hemm biss tlett (3) sigar tal-frott. Ghalhekk l-allegazzjoni da parti tal-intimat u li saret waqt l-access illi dan hames snin qabel l-istess access kien hawwal dwieli, "cherry plum" u sigar tal-hawh ma kienitx tregi. Anzi r-rikorrenti asserixxa li s-sigar tal-frott imsemmijin kienu thawlu ezattament kif kien intavolat ir-rikors in ezami fit-12 ta' April, 1996 cioe' hdax il-xahar qabel l-access li sar fit-18 ta' Marzu 1997. Sussegwentement fl-istess affidavit l-istess rikorrenti irrefera "funditus" ghal kwistjoni dwar tifrix ta' demel tat-tigieg fl-istess ghalqa kif ukoll accenna ghax-xatba ta' l-istess ghalqa li ma tippermettix li jghaddi "truck" jew "tractor" mghobbija b'demel.

Fit-tieni affidavit, ir-rikorrenti irrefera ghas-"site plan" (a fol 18 tal-process) u specifika li l-ghalqa in kwistjoni hi dik "markata bl-ittra "A" u fiha kejl ta' tomna jew 967.866 metri kwadri. Inoltre esebixxa zewg ritratti tal-istess ghalqa (ara fol 31 tal-process minn fejn jidher li l-istess ghalqa fl-14 ta' Jannar 1998 kienet mimlija haxix hazin twil daqs bniedem u "hekk ghadha sal-gurnata tal-lum". Skond ir-rikorrenti l-istess ghalqa giet abbandunata ezattament wara li sar l-access tal-periti teknici tal-Bord (ara fol 28 tal-process). Fl-ahhar nett, in rigward il-kwistjoni tas-sigar imhawlin, ir-rikorrenti ghamel referenza ghall-istess "site plan" imsemmi u li ggib id-data tas-26 ta' Mejju 1994, minn fejn jidher li fl-istess ghalqa kien hemm biss tlett sigar tal-frott u xejn aktar.

Ikkunsidra;

Illi l-intimat fl-'affidavit' sottomess minnu bhala xhieda (a fol 25 tal-process) cahad li s-sigar gew imhawlin wara li bdiet din il-kawza. Ta' min jinnota li l-istess intimat ma gab ebda prova li l-istess ghalqa hi "essenzjalissima ghall-ghixien ta' l-intimat u altru jsofri 'hardship' f'kaz li tigi ripossessata mir-rikorrenti". Difatti l-istess Bord ha l-impressjoni li l-intimat ghamel enfazi biss fuq l-ammont ta' kumpens dovut lilu, f'kaz li tigi akkolta it-talba tar-rikorrenti.

Ikkunsidra;

Illi fir-relazzjoni taghhom, il-periti teknici raw waqt l-access li l-ghalqa in kwistjoni ta' cirka tomna kienet, meta sar l-access minnhom fit-18 ta' Marzu 1997 fi stat tajjeb u mizrugha b'patata, pizelli, ful u bazal. In oltre innotaw li kien hemm diversi specje ta' sigar u li l-istess raba kien inghata id-demel

sentejn ilu. Fl-ahharnett l-ammont ta' kumpens gie likwidat fis-somma ta' Lm74.

Ikkunsidra:

Illi dan kollu premess, jinghad li diga sar accenn ghall-fatt li l-intimat ghamel enfazi fuq l-ammont ta' kumpens u bl-ebda mod ma gab evidenza dwar dak allegat minn fir-risposta imsemmija. Illi, ghalhekk jidher car u evidenti mill-istess provi li t-talbiet kif dedotti mill-istess rikors ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi il-Bord jilqa' t-talbiet kif dedotti mill-istess rikors u 1) jawtorizza lir-rikorrenti li jirriprendi pussess tal-porzjon diviza tal-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Palazz ta' Gwarena", limiti tal-Qrendi ta' cirka tomna (IT) skond kif delinejata f'zewg porzjonijiet bl-ahmar u bl-ittra A fl-anness "site plan" a fol 18 tal-process u li ghandu jifforma parti integrali ta' din is-sentenza
2) Jordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-istess ghalqa sas-16 ta' Awissu 2000 u
3) Jillikwida il-kumpens skond il-ligi dovut lill-istess intimat mir-rikorrenti fl-ammont ta' Lm74;

Bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

Alan Calleja
Dep.Reg.